

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2012 — Biofrescos vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-159/09) ⁽¹⁾

(“Unjoni doganali — Gambli tal-friża mill-Indoneżja — Ċertifikati ta' oriġini mhux validi — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Talba għal maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni — Artikolu 220(2)(b), u l-Artikolu 239 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92”)

(2012/C 227/23)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Biofrescos — Comércio de Produtos Alimentares, L^{da} (Linda-a-Velha, il-Portugall) (rappreżentant: A. de Magalhães Menezes, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, P. Guerra e Andrade u L. Bouyon, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 72 finali, tas-16 ta' Jannar 2009, li tikkonstata li hemm lok li jsir id-dħul fil-kontijiet *a posteriori* tad-dazji fuq l-importazzjoni, u li l-maħfra ta' dawn id-dazji ma hijiex ġustifikata fkaż partikolari.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Biofrescos — Comércio de Produtos Alimentares, L^{da} hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 153, 4.7.2009

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2012 — Kavaklidere-Europe vs UASI — Yakult Honsha (Yakut)

(Kawża T-276/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Yakut — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti Yakult — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2012/C 227/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kavaklidere-Europe (Schoten, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J. Vercaeye u I. Tytgat, sussegwentement J. Vercaeye u B. De Vuyst, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Yakult Honsha Kabushiki Kaisha (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentanti: M. Edenborough, QC, P. Harris, solicitor, u T. Elias, barrister)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' Appell tal-UASI tat-8 ta' Mejju 2009 (Każ R 1396/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Yakult Honsha Kabushiki Kaisha u Kavaklidere-Europe.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Kavaklidere-Europe hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 244, 10.10.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2012 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-178/10, T-263/10 u T-265/10) ⁽¹⁾

(“Programmi operazzjonali tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEŻR amministrati minn Spanja — Talba għal ħlas interim — Eżistenza ta' provi li jindikaw defiċjenza sinifikattiva fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll — Miżuri li jinterrompu t-terminu għall-ħlas — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Strateġija ta' verifika tal-kontijiet — Certeza legali — Aspettattivi leġittimi — Proporzjonalità”)

(2012/C 227/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Cavedes u B. Conte kif ukoll, fil-Kawża T-178/10, A. Steiblyte, aġenti)

Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2010 (T-178/10), tat-8 ta' April 2010 (T-263/10) u tal-15 ta' April 2010 (T-265/10) li jinformat lill-awtoritajiet Spanjoli bl-interruzzjoni tat-terminu għall-ħlas fir-rigward ta' ċerti talbiet għall-ħlas interim imressqa mir-Renju ta' Spanja.

Dispożittiv

- (1) Il-Kawżi T-178/10, T-263/10 u T-265/10 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- (2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- (3) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 161, 19.6.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2012 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-264/10 u T-266/10) (¹)

“Programm operattiv tal-Fondi ta' Koeżjoni u tal-FEŻR ġestiti minn Spanja (Programm operattiv FSE Ġlieda kontra d-diskriminazzjoni 2007-2013) — Talba għal ħlas interim — Deċiżjoni li jiġi interrott it-terminu tal-ħlas minħabba nuqqas sinifikattiv fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Artikolu 87(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006”

(2012/C 227/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes u B. Conte, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju (T-264/10) u tal-11 ta' Mejju 2010 (T-266/10) li jinformat lill-awtoritajiet Spanjoli bl-interruzzjoni tat-terminu għall-ħlas ta' ċerti talbiet għall-ħlas interim mir-Renju ta' Spanja.

Dispożittiv

- (1) Il-Kawżi T-264/10 u T-266/10 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- (2) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' Mejju (T-264/10) u tal-11 ta' Mejju 2010 (T-266/10), li jinformat lill-awtoritajiet Spanjoli bl-interruzzjoni tat-terminu għall-ħlas ta' ċerti talbiet għall-ħlas interim mir-Renju ta' Spanja, huma annullati.
- (3) It-talba biex tiġi rikonoxxuta l-fondatezza tal-merti tat-talba għall-ħlas tal-interessi hija miċħuda.
- (4) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq il-kap tat-talbiet li huma intiżi sabiex il-Qorti Ġenerali tordna miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura bbażata fuq l-Artikolu 64 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha.

(5) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 221, 14.8.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Ġunju 2012 — Kraft Foods Schweiz vs UASI — Compañía Nacional de Chocolates (CORONA)

(Kawża T-357/10) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva CORONA — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti KARUNA u KARŪNA — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”

(2012/C 227/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kraft Foods Schweiz Holding GmbH (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentanti: P. Péters u T. de Haan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Compañía Nacional de Chocolates, SA (Medellín, il-Kolombja) (rappreżentant: I. Temiño Cenicerros, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Ġunju 2010 (Każ R 696/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kraft Foods Schweiz Holding GmbH u Compañía Nacional de Chocolates, SA.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Kraft Foods Schweiz Holding GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 288, 23.10.2010.